2026/2147

23.9.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/2147

tas-17 ta' Settembru 2026

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia), u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2026/236 (EUTM Somalia/2/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia), u huwa awtorizzat jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(2) Fis-27 ta' Jannar 2026, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/236 [2], li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Elio MANES bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia mit-30 ta' Jannar 2026.

(3) Fl-20 ta' Lulju 2026, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Kurunell Ivan FALASCA biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Elio MANES bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia (il-"ħatra proposta"). L-awtoritajiet militari Taljani indikaw li l-Kurunell Ivan FALASCA jiġi promoss għal Brigadier Ġeneral qabel il-ħatra tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(4) Fid-29 ta' Lulju 2026, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-Kurunell Ivan FALASCA jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia mit-30 ta' Settembru 2026.

(5) Fit-30 ta' Lulju 2026, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia wkoll appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kurunell Ivan FALASCA bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia.

(7) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2026/236 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Ivan FALASCA huwa maħtur bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mit-30 ta' Settembru 2026.

[1] ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/96(1)/oj.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2026/236 tas-27 ta' Jannar 2026 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1398 (EUTM Somalia/1/2026) (ĠU L, 2026/236, 28.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/236/oj).

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2026/236 hija b'dan mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2026.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2026.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

L. MANDEL VENSILD